

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Fertilizers Europe

### Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1688 tat-8 ta' Ottubru 2019 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju li joriġinaw fir-Russja, fi Trinidad u Tobago u fl-Istati Uniti tal-Amerka <sup>(1)</sup> f'dak li jirrigwarda kemm l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' parti tal-ewwel motiv, kif ukoll l-ewwel u r-raba' parti tar-raba' motiv invokati mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li l-istadju tal-proċeduri jippermetti dan;
- sussidjarjament, tirrinvinja l-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw ħames aggravji.

L-ewwel aggravju, ibbażat fuq allegat żball imwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku").

It-tieni aggravju, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali ddikjarat b'mod żbaljat l-allegat ksur tal-Artikolu 2(3) sa (5) tar-Regolament Bażiku mill-Kummissjoni inammissibbli, eċċediet is-setgħa ta' sħarriġ ġudizzjarju tagħha, naqset milli tindirizza l-ilment tal-appellanti u żbaljat fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(10) u/jew tal-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament Bażiku.

It-tielet aggravju, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikoli 5(1), 5(3), 5(6), 5(9) u 7(2)(a) tar-Regolament Bażiku.

Ir-raba' aggravju, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tindirizza jew żnaturat il-provi meta ddeċidiet li l-ilment indika l-eżistenza ta' sistema ta' prezz doppju fir-Russja.

Il-ħames aggravju, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali żnaturat it-tifsira ċara tal-provi prodotti u kisret id-dmir ta' motivazzjoni tagħha meta ddeċidiet li xiri ta' gass naturali ssussidjat f'Trinidad u Tobago ma jikkostitwixxix sistema ta' prezz doppju fis-sens tal-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament Bażiku u wettqet żball ta' interpretazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU 2019 L 258, p. 21, rettifika fil-ĠU 2019, L 259, p. 86)

<sup>(2)</sup> ĠU 2016, L 176, p. 21.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-24 ta' Novembru 2022 –  
Associazione Nazionale Italiana Bingo – Anib, Play Game Srl vs Ministero dell'Economia e delle  
Finanze, Agenzia delle Dogane e dei Monopoli**

(Kawża C-728/22)

(2023/C 94/16)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Appellant:* Associazione Nazionale Italiana Bingo – Anib, Play Game Srl

*Appellati:* Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Dogane e dei Monopoli

**Domandi preliminari**

- 1) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni<sup>(1)</sup>, kif ukoll il-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mit-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikoli 15, 16, 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8, 49, 56, 12, 145 u 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li japplikaw fil-konfront ta' konċessjonijiet ta' amministrazzjoni ta' loġhob tal-Bingo li jkunu ngħataw bi proċedura ta' għażla fl-2000, li skadew u li sussegwentement ġew ripetutament estiżi fl-effettività tagħhom permezz ta' dispożizzjonijiet legali li daħlu fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva u wara li kien skada l-perijodu għat-traspożizzjoni tagħha?
- 2) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, id-Direttiva 2014/23/UE tipprekludi interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' regoli legali interni, jew prattiki ta' implimentazzjoni abbażi ta' dawk ir-regoli, b'mod li ċċaħħad lill-amministrazzjoni mis-setgħa diskrezzjonali li tagħti bidu, fuq talba tal-partijiet ikkonċernati, għal proċedura amministrattiva intiża biex tibdel il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-konċessjonijiet, permezz jew mingħajr proċedura ta' għoti ġdida skont jekk in-negozzjar mill-ġdid tal-bilanċ kuntrattwali jikkwalifikax jew le bħala bidla sostanzjali, fil-każijiet fejn iseħħu avvenimenti mhux imputabbli għall-partijiet, li ma jkunux previsti u lanqas prevedibbli, li jkollhom impatt sinjifikattiv fuq il-kundizzjonijiet normali ta' riskju operattiv, sakemm jibqgħu jeżistu tali kundizzjonijiet u għaż-żmien neċessarju biex eventwalment jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju oriġinali tal-konċessjonijiet?
- 3) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi<sup>(2)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 2014/23/UE, tipprekludi interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' regoli legali interni, jew prattiki ta' implimentazzjoni abbażi ta' dawk ir-regoli, b'mod li l-leġiżlatur jew l-amministrazzjoni pubblika jkunu jistgħu jissuġġettaw il-parteċipazzjoni fil-proċedura għall-għoti mill-ġdid tal-konċessjonijiet tal-loġhob għall-kundizzjoni tas-sħubija mill-konċessjonarju mas-sistema ta' estensjoni teknika, anki fil-każ fejn tkun eskluża l-possibbiltà ta' negozzjar mill-ġdid tal-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju tal-konċessjoni bil-għan li jiġu bbilanċjati mill-ġdid, bħala konsegwenza ta' avvenimenti mhux imputabbli għall-partijiet, li ma jkunux previsti u lanqas prevedibbli, li jkollhom impatt sinjifikattiv fuq il-kundizzjonijiet normali ta' riskju operattiv, sakemm jibqgħu jeżistu tali kundizzjonijiet u għaż-żmien neċessarju biex eventwalment jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju oriġinali tal-konċessjonijiet?
- 4) Fi kwalunkwe każ, l-Artikoli 49 u 56 TFUE u l-prinċipji ta' ċertezza u ta' effettività tal-protezzjoni legali, kif ukoll il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi jipprekludu interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' regoli legali interni, jew prattiki ta' implimentazzjoni abbażi ta' dawk ir-regoli, li jċaħħdu lill-amministrazzjoni mis-setgħa diskrezzjonali li tagħti bidu, fuq talba tal-partijiet ikkonċernati, għal proċedura amministrattiva intiża biex tibdel il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-konċessjonijiet, permezz jew mingħajr proċedura ta' għoti ġdida skont jekk in-negozzjar mill-ġdid tal-bilanċ kuntrattwali jikkwalifikax jew le bħala bidla sostanzjali, fil-każijiet fejn iseħħu avvenimenti mhux imputabbli għall-partijiet, li ma jkunux previsti u lanqas prevedibbli, li jkollhom impatt sinjifikattiv fuq il-kundizzjonijiet normali ta' riskju operattiv, sakemm jibqgħu jeżistu tali kundizzjonijiet u għaż-żmien neċessarju biex eventwalment jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju oriġinali tal-konċessjonijiet?
- 5) L-Artikoli 49 u 56 TFUE u l-prinċipji ta' ċertezza u ta' effettività tal-protezzjoni legali, kif ukoll il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi jipprekludu interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' regoli legali interni, jew prattiki ta' implimentazzjoni abbażi ta' dawk ir-regoli, b'mod li l-leġiżlatur jew l-amministrazzjoni pubblika jkunu jistgħu jissuġġettaw il-parteċipazzjoni fil-proċedura għall-għoti mill-ġdid tal-konċessjonijiet tal-loġhob għall-kundizzjoni tas-sħubija mill-konċessjonarju mas-sistema ta' estensjoni teknika, anki fil-każ fejn tkun eskluża l-possibbiltà ta' negozzjar mill-ġdid tal-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju tal-konċessjoni bil-għan li jiġu bbilanċjati mill-ġdid, bħala konsegwenza ta' avvenimenti mhux imputabbli għall-partijiet, li ma jkunux previsti u lanqas prevedibbli, li jkollhom impatt sinjifikattiv fuq il-kundizzjonijiet normali ta' riskju operattiv, sakemm jibqgħu jeżistu tali kundizzjonijiet u għaż-żmien neċessarju biex eventwalment jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju oriġinali tal-konċessjonijiet?
- 6) B'mod iktar ġenerali, l-Artikoli 49 u 56 TFUE u l-prinċipji ta' ċertezza u ta' effettività tal-protezzjoni legali, kif ukoll il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi mingħand l-amministratur tas-swali tal-Bingo l-ħlas ta' miżata oneruża kull xahar għall-estensjoni teknika mhux prevista mill-atti ta' konċessjoni oriġinali, ta' ammont identiku għat-tipi kollha ta' operatur u emendata minn żmien għal żmien mil-leġiżlatur mingħajr ebda relazzjoni pprovata mal-karatteristiki u mal-andament tar-relazzjoni konċessjonarja individwali?

<sup>(1)</sup> ĠU 2014, L 94, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 114, p. 24, u fil-ĠU 2018, L 82, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44.